# Knejjes Żgħar f'Malta ddedikati lil San Pawl



*Kitba ta' Fr. Vince Fenech*

Il-ġrajja tan-Nawfraġju ta' San Pawl fi gżiritna fis-sena 60 wara Kristu kienet dejjem meqjusa minn missirijietna u mill-Knisja f'Malta bħala ġrajja l-aktar importanti, u l-postijiet marbutin magħżjara tiegħu kienu meqjusa bħala rkejjen qaddisa. Għalhekk ħsibt li din is-sena nġibu f'dawn il-paġni tagħrif dwar xi knejjes żgħar iddedikati lil San Pawl li għandna f'Malta u Għawdex u ngħidu xi ħaġa żgħira dwarhom.

## Il-Knisja tan-Nawfraġju (tal-Ħġejjeġ) – San Pawl il-Baħar

Waħda minn dawn il-knejjes iddedikati lil San Pawl, li d-djoċesi kellha sa mill-qedem, hija l-Knisja tan-Nawfraġju jew tal-Ħġejjeġ, fl-inħawi magħrufa bħala Tal-Għażżenin, faċċata tal-Gżejjer ta' San Pawl. Ma nafux meta din il-Knisja nbniet l-ewwel darba, iżda żgur li hi qadima ħafna, u li nbniet mill-ġdid kemm-il darba.

Din il-knisja kellha u għad għandha arkitettura unika fi gżiritna, b'loġġa madwarha bil-bankijiet għall-kumdità tan-nies fejn jistrieħu u jistkennu mix-xemx u x-xita. Kien hemm ukoll xi kamra għas-saċerdot li jqaddes.



Ritratt © Noel Ciantar



Ritratt © Anthony M. Brincat

Wara li fis-sena 1798 telqu l-Kavallieri minn Malta, il-knisja għaddiet f'idejn il-Gvern u f'dik il-loġġa ta' preġju arkitettoniku konsiderevoli sar ħafna tibdil, inbnew kmamar u turġien, li aktar tard inqasmu f'żewġ appartamenti, wieħed għall-Viġendarju u l-ieħor għal użu privat.

Ta' min jgħid ukoll li din il-knisja kienet mgħammra bi tliet pitturi li juru n-Nawfraġju, il-Miraklu tal-Lifgħa, u l-Fejqan tal-Morda minn San Pawl.

B'xorti ħażina, il-Knisja tan-Nawfraġju jew tal-Ħġejjeġ, intlaqtet fil-gwerra u ġġarrfet. It-tliet kwadri ġew salvati, iżda ġarrbu ħsarat kbar, l-aktar il-kwadru titular. Il-Knisja reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid mill-gvern.

Fl-1962, din il-Knisja għaddiet taħt il-ġurisdizzjoni tad-Djoċesi u għal diversi snin kien rettur tagħha l-Kan. Mikiel Agius li b'dedikazzjoni kbira ħoloq komunità ħajja madwar il-knisja kif ukoll ħa ħsieb il-manutenzjoni, rinovazzjoni u tisbiħ tagħha.

Użanzi oħra konnessi mal-Knisja huma l-ħġejjeġ u t-tberik tal-morda, peress li f'dik iż-żona (kif jissemma fl-Atti tal-Appostli) (a) il-Maltin kienu qabbdu ħġejjeġ biex San Pawl u kull min kien miegħu jisħnu, (b) seħħ il-miraklu tal-ħelsien mill-periklu tal-lifgħa u (ċ) f'dak il-lokal San Pawl Missierna fejjaq lill-morda.

Jalla din il-knisja, bħala monument għażiż Pawlin, faċċata tal-Gżejjer li jġibu wkoll ismu, tkompli tiġi kkultivata u toffri servizz u faraġ spiritwali lill-komunità li tiffrekwentaha u li tikber konsiderevolment fis-sajf bħala post ta' villeġġatura.

*(Ara l-artiklu sħiħ ta' Mons. Ġwann Azzopardi, meħud mill-ktejjeb "Il-Festi Tagħna 1998" tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, Rabat. Ritratti ta' Noel Ciantar u Anthony M. Brincat.)*

## Il-Knisja ta' San Pawl Milqi – Burmarrad

Knisja oħra mill-aktar antiki ta' Malta hija bla dubju l-knisja ta' San Pawl Milqi f'Burmarrad. Din tinsab fuq il-għolja li tħares fuq il-Wilġa ta' Burmarrad, lejn il-port tas-Salini, u hija mibnija fuq fdalijiet ta' żmien ir-Rumani f'Malta.

Skont tradizzjoni antika ħafna, kien proprju f'dan il-lokal li San Publiju laqa' lil San Pawl u sħabu, wara li ħelsu mill-għarqa, u kien hawnhekk li l-Appostlu fejjaq lil missier San Publiju. L-Insara Maltin sa mill-ewwel żminijiet kienu jemmnu f'dan, u għożżewh bħala post qaddis. Tant hu hekk,



fi żmien antik ħafna bnew knisja biex jikkommemoraw dan l-avveniment.

Maż-żmien din il-knisja qdiemet u waqqgħuha u bnew oħra flokha, u anki din reġgħet qdiemet u reġgħu waqqgħuha, u wara bnew il-knisja li hemm illum. Għalhekk din il-knisja hija t-tielet waħda li nbniet f'dan il-post. Dan juri biċ-ċar kemm dan il-post ilu żmien kbir ikun meqjus bħala post qaddis. Minħabba s-sejbiet arkeoloġiċi li nstabu madwar u taħt din il-knisja, illum din il-kappella u l-isakvi ta' madwara qed jieħdu ħsiebhom il-*Heritage Malta*, Minħabba f'dan kollu, l-aċċess għal din il-knisja ġie magħluq.

Din il-kappella għandha faċċata ħelwa ħafna, fejn għandha żewġ niċeċ vojta, waħda fuq kull naħa tal-faċċata. Fuq il-bieb prinċipali għandha tieqa tonda li qiegħda tkompli żżejjen il-faċċata. Fuq il-faċċata hemm bħal kampnar fin-nofs, u kellha qanpiena żgħira mdendla fih. Fuq il-kampnar hemm salib tal-ġebel. Din il-knisja għandha wkoll sagristija mibnija magħha. X'aktarx din il-kappella nbniet għall-ħabta tal-bidu tas-seklu sbatax.

Din il-kappella kellha altar wieħed tal-ġebel u fuq dan l-altar kien hemm kwadru li juri l-miraklu tal-lifgħa kif ukoll tliet episodji oħra mill-ħajja ta' San Pawl – il-Konverżjoni, il-laqgħa tiegħu ma' Publiju, u l-Martirju tiegħu. Dan il-kwadru, u kull ma kien fiha din il-kappella, ittieħdu kollha fil-Katidral tal-Imdina.

Il-Kappella tinfetaħ għall-pubbliku biss darba fis-sena – fl-10 ta' Frar . F'dan il-jum issir quddiesa biex tikkommemora l-miġja ta' Missierna San Pawl fil-gżejjer tagħna.

*(Ara l-artiklu b'ħafna aktar dettalji ta'Joe Brincat. Ritratt ta' Roderick Busuttil.)*

## Il-Knisja ta' San Pawl tat-Targa – Naxxar



Ritratt © Caroline Camenzuli

Din il-Kappella ddedikata lil San Pawl tinsab f'post prominenti fin-Naxxar. Prominenti għax ma tistax ma tarahiex inti u tiela' minn Burmarrad jew mis-Salini lejn in-Naxxar mit-telgħa magħrufa bħala "T'Alla u Ommu".

F'dan il-post, sa minn żminijiet imbiegħda, kienet teżisti kappella ddedikata għall-Konverżjoni ta' San



Pawl, u viċin ta' din il-kappella hemm statwa kbira ta' San Pawl fuq kolonna.

Għall-aħħar tas-seklu sbatax, inbniet kappella oħra mhux tant 'il bogħod mill-antika. Din id-darba kienet iddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl minflok għall-Konverżjoni. Din hija l-kappella li hemm illum. Il-bini ta' din il-kappella x'aktarx li nbeda fl-1690 u kien lest fl-1699.

Illum din il-Kappella nistgħu ngħidu li qiegħda taqdi sew lill-komunità ta' din in-naħa. Mhux biss isir il-quddies, iżda wkoll it-tagħlim tad-duttrina lit-tfal ta' dawn l-inħawi ta' San Pawl tat-Tarġa.

*(Ara l-artiklu b'ħafna aktar dettalji ta'Paul Catania. Ritratti ta' Caroline Camenzuli.)*

## Il-Knisja ta' San Pawl tal-Qlejja – Mosta

Fil-limiti tal-Mosta, sewwa sew f'nofs Wied il-Qlejja (*Chadwick Lakes*) insibu Knisja żgħira ddedikata lil San Pawl. Proprju għal din ir-raġuni hija magħrufa bħala ta' San Pawl tal-Qlejja.

Il-knisja tiġbed l-attenzjoni ta' kull min ikun għaddej minn dawn l-inħawi għax hi maqtugħa minn kull bini u mdawra biss bil-beraħ tal-kampanja. Jidher li bdiet tinbena għal ħabta tas-sena 1690 flok oħra iktar qadima.



Ritratt © Carmelo Vella




Il-kwadru titulari ta' din il-Knisja jirrappreżenta n-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl. Din il-knisja għandha arkitettura barokka mill-isbaħ. Jidher li nbniet bejn is-sekli sbatax u tmintax meta dan l-istil kien fl-aqwa tiegħu fil-gżejjer tagħna.

Illum il-Knisja ta' San Pawl tal-Qlejja tinsab fi stat tajjeb ħafna għax xi ftit żmien ilu ġiet restawrata. Mhux biss, imma l-madwar immedjat tal-kappella wkoll ġie restawrat. Għaldaqstant il-ħitan tal-pont li jinsab biswit din il-kappella wkoll ġew restawrati.

Illum din il-kappella sservi ta' post fejn wieħed jista' jieqaf u jistrieħ ftit, waqt xi mixja f'Wied il-Qlejja, u toffri sfond mill-isbaħ għal xi artist biex ipitter il-kampanja Maltija. Fil-għaxija l-knisja tkun mixgħula u kull min ikun ġej mir-Rabat jew l-Imġarr jista' japprezza l-ħlewwa fis-sempliċità tagħha.

*(Ara l-artiklu b'ħafna aktar dettalji ta' Roderick Busuttil. Ritratti ta' Carmel Vella u Anthony M. Brincat.)*

## Il-Knisja ta' San Pawl tal-Wied – Birkirkara

Din il-Knisja ddedikata lill-Appostlu Missierna San Pawl, tinsab fi Triq il-Wied f'Birkirkara u kienet inbniet fis-sena 1538. Dan kien tmien snin biss wara l-miġja f'Malta tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li seħħet fl-1530.

Il-knisja ta' San Pawl kif inhi llum kienet reġgħet inbniet bejn l-1852 u 1854. Il-kwadru titulari hu kopja minn Giuseppe Calleja ta' dak li hemm fil-Knisja tat-Tre Fontane f'Ruma. Il-pittura tas-saqaf hija tal-Karkariż Ġużeppi Briffa u saret bejn is-snin 1944 u 1961. L-istatwa titulari tal-injam inġabet fl-1952 minn Bolzano, fl-Italja, biex tieħu post oħra akbar tal-kartapesta li kienet saret xi 30 sena qabel minn Wistin Camilleri t'Għawdex.







Il-Knisja ta' San Pawl illum tinsab fi stat tajjeb u fiha jsir il-quddies. Ta' kull sena fiha għadha tiġi ċċelebrata l-festa ta' Missierna San Pawl.

*(Ara l-artiklu b'ħafna aktar dettalji ta' Philip Xuereb. Ritratti ta' Noel Ciantar u Philip Xuereb.)*

## Il-Knisja ta' San Pawl – Ħ'Attard

Din il-knisja ta' San Pawl hija waħda middiversi kappelli li nsibu fir-raħal sabiħ ta Ħ'Attard. Oriġinarjament fuq l-istess sit fejn tinsab din il-knisja ta' San Pawl, kien hemm knisja oħra ddedikata lil Marija Assunta.

Il-knisja li naraw illum, kienet inbniet lejn l-1629,






u dan skont manuskritt iffirmat mis-saċerdot Gio Batta Sammut.

It-titular ta' din il-knisja, juri lil San Pawl Nawfragu li flimkien miegħu hemm meqjuma San Publiju u San Franġisk ta' Paola. It-titular huwa mdawwar bi kwarniċ skolpit sabiħ ħafna, fejn hemm żewġ puttini (anġli) jżommu midaljun tond li kien iħaddan pittura żgħira. Fil-ġnieb tal-kwadru hemm jixxebilku weraq tar-rand li jaqbżu nofsu. Fil-knisja nsibu altar wieħed tal-ġebel, bl-iskannell tal-injam li huwa dekorat bil-fjuri minquxa fih.

F'dawn l-aħħar snin sar xogħol ta' restawr f'din il-knisja ta' San Pawl. Tbiddlu l-bsaten mherrija tal-koxxa tal-bieb prinċipali, sar salib għall-frontispizju biex jissostitwixxi dak oriġinali li kien waqa' bil-maltemp, sar miżieb minflok katusa li kienet tissostitwixxi dak tal ġebel li kien waqa' maż-żmien. Inbidel ukoll xi ġebel mad-dawra minn barra, fejn kien meħtieġ biss.

Hekk kif tlesta r-restawr, il-knisja tnaddfet minn ġewwa u minn barra. Minn ġewwa, tbajdet

lewn isfar ċar fl-isfond, filwaqt li l-pilastri tbajdu bojod.

L-aperturi, li kienu fi stat ta' abbandun, ġew restawrati wkoll u llum qegħdin isebbħu dan il-monument. It-twieqi ntramaw bi ħġieġ lewn l-arma ta' H'Attard biex issa jidhru tant sbieħ. Inbidel it-tagħmir tad-dawl sabiex illum il-kappella qiegħda tgawdi l-glorja li jixraqilha.

*(Ara l-artiklu b'ħafna aktar dettalji ta' Reno Saliba. Ritratti ta' Roderick Busuttil u Reno Saliba.)*

## Il-Knisja ta' San Pawl – Bormla

Waħda mill-knejjes sbieħ li hemm f'Bormla żgur li hija dik iddedikata lil San Pawl Appostlu. Skont tradizzjoni qadima ħafna, jgħidu li din il-knisja nbniet fix-Xatt ta' Bormla, fejn San Pawl siefer minn Malta wara n-nawfraġju tiegħu fis-sena 6OW.K. L-istoriku Achille Ferris jgħid li l-ewwel knisja ddedikata lil San Pawl ġiet mibnija fis-sena 1590. Din il-knisja tħallielha l-obbligu li tagħmel il-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl fil-25 ta' Jannar ta' kull sena.

Maż-żmien din il-knisja ta' San Pawl kienet kważi abbandunata. Għalhekk inħass il-bżonn li tinbena mill-ġdid. Inbniet eżatt fl-istess post fejn kienet il-knisja l-qadima. Il-knisja kif inhi llum kienet lesta fis-sena 1740, u tbierket mill-Isqof Alpheran fi żmien il-Granmastru Manwel de Vilhena fl-1741. Il-kwadru titulari ta' din il-Knisja huwa dak tal-Konverżjoni ta' San Pawl, u huwa xogħol tal-Bormliż Rokku Buhagiar li sar flok ieħor li kien ta' Franġisku Zahra.


Ritratt © Joe Brincat

Il-Festa ta' San Pawl kienet u għadha ssir fil-25 ta' Jannar ta' kull sena. Lejlet il-festa kienet issir purċissjoni mill-parroċċa bis-sehem tal-Kapitlu, jitkanta l-Għasar u ssir il-Barka Sagramentali. Nhar il-festa filgħodu kienet issir Quddiesa Solenni bil-mużika u bil-paneġierku minn xi oratur magħruf. Fil-għaxija, wara l-għasar bil-mużika, kienet terġa' ssir purċissjoni għall-parroċċa.

Din il-knisja ta' San Pawl fil-preżent isservi bħala Ċentru Pastorali għan-nies ta' dik in-naħa ta' Bormla fejn tinsab il-Knisja, l-aktar għall-anzjani u dawk kollha li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu jmorru l-parroċċa.

*(Ara l-artiklu b'ħafna aktar dettalji tar-Rev. Kan. Jos. Bonello. Ritratti ta' Joe Brincat.)*


Ritratt © Joe Brincat

SILVANA
GIFTS AND FURNITURE




125, Vincent Dimech Street, Żurrieq ZRQ 02 (Opp. Xarolla Windmill)
Tel: 2164 9035, 2168 0115 Mob: 7933 0171 email: silvanzurrieq@mail.com